



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1909/2009 ippreżentata minn Y.N., ta' nazżjonalità Russa, li joqgħod l-Isvezja, dwar ksur tad-Direttiva tal-KE 2003/109 rigward l-istatus taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li huma residenti għat-tul mill-awtoritajiet Svediżi**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, li huwa ċittadin Russu miżżewweġ lil ċittadina Svediża, isostni li l-awtoritajiet Svediżi kisru d-Direttiva KE 2003/109 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul minħabba li rrifjutaw li joħorġulu karta ta' residenza. Il-petizzjonant jargumenta wkoll li l-awtoritajiet Svediżi ma tawx kas tal-fatt li l-martu għandha ċittadinanza doppja (Svediża u Finlandiża). Skont il-petizzjonant, l-applikant li jixtieq jikseb karta ta' residenza fl-Isvezja jeħtieġ biss li jirreġistra mal-Bord Svediż ta' Migrazzjoni. Il-petizzjonant isostni li l-applikazzjoni tiegħu ċċaħdet, deċiżjoni li ġiet ikkomunikata lilu fit-3 ta' Diċembri 2009. Fl-istess data huwa ġie infurmat li se jinxtralu biljett tal-ajru biex iħalli l-Isvezja sa nofs Diċembri. Huwa jitlob l-intervent tal-istituzzjonijiet Ewropej mal-awtoritajiet Svediżi biex jiġu sospiżi dawn il-proċeduri sakemm jirċievi soluzzjonijiet għall-petizzjoni tiegħu, li ġiet sottomessa lil Solvit ukoll.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 30 Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjonant għandu nazżjonalità Russa u huwa miżżewweġ lil ċittadina Svediża li tgħix fl-Isvezja. Huwa jallega li billi l-awtoritajiet Svediżi qed jirrifjutaw li jagħtu karta tar-residenza

Svediża, huma qegħdin jiksru d-Direttiva 2004/38/KE<sup>1</sup> u d-Direttiva 2003/109/KE<sup>2</sup>.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija, il-problema in kwistjoni tidher li hija waħda purament interna u, f' sitwazzjoni bħal din, il-Kummissjoni ma tistax tintervjeni.

Ir-regoli tal-UE dwar il-moviment ħieles<sup>3</sup> japplikaw biss għal ċittadini tal-UE li jmorru jgħixu jew li diġà jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex dak li tiegħu huma ċittadini, u għall-membri tal-familja tagħhom li jikkampanjawhom jew li jingħaqdu magħhom. Persuna mhux ċittadina tal-UE li hija miżżewwġa lil ċittadin jew ċittadina tal-Unjoni, li tgħix fil-pajjiż li tiegħu hija ċittadina u li qatt ma tkun eżerċizzat id-dritt tagħha ta' moviment ħieles, ma tistax tibbenefika mif-fritt tar-riunifikazzjoni familjari skont id-Direttiva 2004/38/KE.

Il-Kummissjoni rċeviet ukoll ilment individwali mingħand il-petizzjonant. Jidher li ċ-ċittadina tal-Unjoni li magħha huwa miżżewweġ għandha nazzjonalità kemm Fillandiża kif ukoll Svediża.

Id-Direttiva 2004/38/KE ma tgħid xejn dwar id-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni li jkollhom nazzjonalità ta' żewġ Stati Membri u li għandhom residenza f' wieħed mill-Istati Membri tan-nazzjonalità.

Il-problema dwar il-kwistjoni tan-nazzjonalità doppja kienet ġiet irreferita lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċizzjoni preliminari fil-każ C-434/09 *Shirley McCarthy vs Secretary of State for the Home Department* u għadha pendenti.

Abbażi tal-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, l-applikazzjoni tal-petizzjonant għal karta tar-residenza ġiet miċħuda mill-awtoritajiet Svediżi minħabba li ma kienx possibbli li jiġi applikat id-dritt tar-residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni. Dan mhux neċessarjament ifisser, madankollu, li r-residenza tal-petizzjonant fl-Isvezja, hija kontra l-liġi. Il-Kummissjoni mhi konxja tal-ebda deċizzjoni ta' espulsjoni meħuda kontra l-petizzjonant. Il-Kummissjoni rrispondiet lill-petizzjonant fis-26 ta' April 2010 u tatu analiżi tas-sitwazzjoni tiegħu fid-dawl tal-liġi applikabbli tal-UE.

Il-petizzjonant wieġeb lill-Kummissjoni u qal li huwa kien reġa' ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal karta tar-residenza u li d-deċizzjoni tal-awtoritajiet Svediżi li jirrifjutaw l-applikazzjoni inizjali tiegħu ma kinitx suġġetta għal reviżjoni. Il-Kummissjoni hija konxja li ċerti deċizzjonijiet mhumix suġġetti għal reviżjoni u biħsiebha tqajjem din il-kwistjoni fil-qafas tad-diskussjonijiet ġenerali mal-Isvezja dwar il-konformità mad-Direttiva 2004/38/KE.

Fir-rigward tal-allegata vjolazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE, li tirregola d-dritt ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jingħataw l-istatus ta' 'residenti fit-tul' wara ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fi Stat Membru, sakemm jiġu sodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda informazzjoni dwar jekk il-petizzjonant jistax jiġi kkunsidrat bħala residenti

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri (ĠU L 158 tat-30 ta' April 2004, p.77).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p.44).

<sup>3</sup> Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38/KE.

fit-tul skont dik id-Direttiva jew jekk applikazzjoni għal dan l-istatus ġietx ippreżentata mal-awtoritajiet Svediżi. Konsegwentement il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tevalwa jekk l-awtoritajiet Svediżi mxewx bi ksur tad-Direttiva 2003/109/KE.